**Reġjun Għawdex**

Laqgħa Nru. RGĦ 39/14

**Minuti tal-39 laqgħa li saret nhar l-Erbgħa 19 ta' Frar 2014.**

Il-Kumitat Reġjonali ltaqa fis-5:00 pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria. Preżenti; il-Viċi President Joseph Sultana, u l-membri Mario Azzopardi, Paul Azzopardi, Salvu Borg, Francis Cauchi, Nicky Saliba, Anthony Formosa, Joe Cordina u Ian Paul Bajada (Segretarju Eżekuttiv).

1. <u>Qari, konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa preċedenti</u>

1.1 Intqalet t-talba. Inqraw il-minuti tal-laqgħa numru 38/14 u ġew approvati unanimament wara illi kien hemm korrezzjoni fejn Saviour Borġ tniżżel bħala skużat peress illi ma setax jattendi minħabba laqgħa tal-Kunsill tal-Fontana.

1.2 Il-membru Joe Cordina informa illi ma jistax idum għal din il-laqgħa peress illi għandu laqgħa oħra skedata il-Kunsill Lokali tax-Xagħra. F'dan il-każ ġie deċiż unanimament illi l-ewwel jiġu approvati l-pagamenti u r-rapport finanzjarju tal-2013.

1.3 Il-membru Joe Cordina talab ukoll illi peress li l-Kumitat Reġjonali għadu ma appuntax membru fuq il-*Local Action Group* minflok Dr Samuel Azzopardi, innomina lill-Paul Azzopardi (membru) sabiex jkun membru fuq il-Local Action Group. Kulħadd qabel ma din in-nomina.

2. <u>Approvazzjoni ta' Pagamenti</u>

2.1 L-iskeda tal-pagamenti numru 27 illi tammonta għal €17,858.89 ġiet approvata mill-membri.

3. <u>Preżentazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju</u>

3.1 Bil-permess tal-membri, l-*accountant* tal-Kumitat Reġjonali Daniel Galea ġie mistieden sabiex jattendi għal din il-parti tal-laqgħa. L-*accountant* Daniel Galea għamel preżentazzjoni fuq ir-rapport finanzjarju. Huwa stqarr illi l-Kumitat Reġjonali spiċċa s-sena 2013 bit-telf. Huwa spjega illi l-ammont ta' telf huwa sostanzjali anke peress illi l-Kumitat Reġjonali daħħal anqas mis-sena 2012. Is-segretarju qal illi in-numru ta' ċitazzjonijiet maħruġa fl-2013 huwa ta' madwar elfejn anqas mill-2012. Dan attribwixxa għal fattur prinċipali ta' anqas dħul matul is-sena finanzjarja.

3.2 Joe Cordina stqarr illi din is-sitwazzjoni finanzjarja ma tistax tibqa sejra hekk u jekk il-Gvern mhux lest illi jidħol biex jagħmel tajjeb għat-telf finanzjarju għandna nwaqqfu s-servizz mill-bidu tax-xahar id-dieħel. Il-membri għamluha ċara illi il-Kunsilli Lokali Għawdxin mhux ser jagħmlu tajjeb ghat-telf illi qiegħed jagħmel jew jista' jagħmel ir-Reġjun. Tqajjem ukoll punt legali illi r-Reġjun ma jistax jaqbad u jwaqqaf il-kuntratt ħesrem. Wara diskussjoni bejn il-membri, ġie miftiehem illi

għandha tintbgħat ittra lis-Segretarju Parlamentari Onor. Josè Herrera fejn tiġi spjegata s-sitwazzjoni finanzjarja u sabiex tiġi indirizzata din il-problema malajr kemm jista' jkun. Is-segretarju għandu jikkonsulta mal-President dwar l-abbozzar ta' din l-ittra. Wara din id-diskussjoni r-rapport finanzjarju ġie approvat unanimament.

3.2 Joe Cordina (membru) informa minħabba laqgħa oħra tal-Kunsill Lokali ser ikollu jitlaq. Peress illi ma kienx hemm quorum, il-laqgħa ntemmet fil-5:30 pm. Il-materja fuq l-aġenda illi ma ġietx diskussa, ser terġa titressaq fil-laqgħa li jmiss.

| | |
|---|---|
| __________________ | __________________ |
| Dr Samuel Azzopardi<br>President | Ian Paul Bajada<br>Segretarju Eżekuttiv |